# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2019**

**Numru 1**

**Rikors numru 847/09 JA**

**John A. Cuschieri, Madeleine Ellul, Victoria Portelli, Marguerite Borġ, Schembri & Sons Limited (C – 4225), Hilda Mizzi, Kurt Scerri, Alton Scerri u b'Nota tas-26 ta' April, 2017, Dr Melvyn Mifsud assuma l-atti minflok Alton Scerri u dan rigward il-parti waħda minn disgħin ($^{1}/_{90}$), il-Prim'Imħallef Emeritus Prof. Giuseppe Mifsud Bonniċi, Antonia Attard, Mariella Darmanin Demajo, Josette Salamone Reynaud, John Cuschieri u b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2019, wara l-mewt ta' John Cuschieri l-atti ġew trasfużi f'isem Dr Veronica Aquilina bħala kuratur tal-eredità ġjaċenti tal-istess John Cuschieri, Paul Cuschieri, John Schiro', George Schiro', Joseph Schiro', Maria Micallef Grimaud, Prof. Alfred Cuschieri u b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2019, wara l-mewt ta' Profs. Alfred Cuschieri l-atti ġew trasfużi f'isem martu Monica Cuschieri, Miriam Fenech, Therese Buġeja, Paul Cuschieri, Maria Fenech, Dargens Development Ltd., Letizia Sammut, Maria Josette Scalpello, Dr. Paul Cuschieri u Ailwin Cuschieri; u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti awtorizżat li Almo Properties Limited (C – 69554) tassumi l-atti tal-kawża minflok l-atturi Kurt Scerri, Prim Imħallef Emeritu Giuseppe Mifsud Bonniċi, Hilda Mizzi, Madeleine Ellul, Victoria Portelli, Margaret Borġ, John A. Cuschieri, John Schiro', George Schiro', Joseph Schiro', Maria Micallef Grimaud, Miriam Fenech, Maria Josette Scalpello, Dr. Paul Cuschieri, Ailwin Cuschieri, Antonia Attard,**

**Josette Salamone Reynaud, Mariella Darmanin Demajo, Angela Cuschieri u John Cuschieri; u b'digriet tas-7 ta' Frar, 2019, l-Avukat Josette Sultana u l-Prokuratriċi Legali Hilda Ellul Mercer inħatru kuraturi deputati biex jidhru għall-werrieta mhux magħrufa ta' Letizia Sammut**

**v.**

**Paul Ciantar, Jeremy Ċiantar u Louis Paċe f'ismu personalment u in rappreżentanza ta' Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited (C – 5002); u b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2010 ġie kjamat fil-kawża Edgar Cassar**

1. Dan hu appell imressaq mill-intimati Louis Paċe u Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fid-29 ta' Ottubru, 2012 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet imqajma mill-intimati u mill-imsejjaħ fil-kawża u, wara li astjeniet milli tqis aktar l-ewwel talba (dik li taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ), laqgħet it-talbiet attriċi l-oħrajn billi sabet li l-intimati ma kellhom qatt il-jedd li jokkupaw dawk il-partijiet tal-fond magħruf bħala "*Savoy Hotel*" f'Rue d'Argens, Imsida, flimkien mal-ġnien li hemm miegħu u l-bini anness, u għalhekk ordnat l-iżgumbrament tal-istess intimati mill-ambjenti in kwistjoni fi żmien xahar minn dakinhar u kkundannathom iħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

2. Illi f'dik il-kawża, li nbdiet bil-proċedura sommarja speċjali, l-atturi kienu talbu lill-ewwel Qorti biex għar-raġunijiet minnhom premessi:

> "*i. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;*
>
> *"ii. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti qatt ma kellhom dritt li jokkupaw dawk il-partijiet tal-fond li suppost ġie lilhom jew lill-aventi kawża tagħhom mogħti, kontra dak li hemm fil-klawsola numru tlieta (3) tal-lokazzjoni tal-25 ta' Jannar 1948;*
>
> *"iii. Tikkundanna lil konvenuti sabiex jiżgumbraw mill-fond de quo, fi żmien qasir u perentorju li din il-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa għal dan l-iskop, u dan stante r-rinunzja volontarja tal-lokazzjoni da parti tal-inkwilini oriġinali, l-konvenuti m'għandhom l-ebda dritt li seta' qatt kellhom ta' godiment fir-rigward tal-parti tal-fond magħruf bħala "Savoy Hotel" Rue D'Argens, Sliema u li fi kwalunkwe każ, il-konvenuti jew min minnhom m'għandhom l-ebda titolu validu fil-liġi li jintitolhom jokkupaw dan il-fond;*
>
> *"iv. Mingħajr preġudizzju għat-tieni domanda u in aġġunta tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti, qatt ma kellhom dritt li jokkupaw dawk il-partijiet tal-fond li suppost ġie lilhom jew lill-aventi kawża tagħhom, kontra dak li hemm fil-klawsola numru tlieta (3) tal-lokazzjoni tal-25 ta' Jannar 1948;*".

3. Illi s-sentenza appellata tgħid hekk:

> "*Ikkunsidrat;*
>
> *"Illi kif jidher mill-att promotur l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-proprjeta' in kwistjoni għar-raġunijiet indikati fl-istess att.*
>
> *"Illi l-konvenuti Ciantar eċċepew li għandhom titolu validu biex jokkupaw il-proprjeta' tramite l-att pubbliku illi ġie esebit minnhom a fol 17 tal-proċess. Permezz ta' dan l-att pubblikat minn Nutar Marco Farrugia, huma akkwistaw il-liċenzja biex joperaw u l-avvjament tal-garage, li kien jinħażen fih il-petrol, bil-permess ukoll li jopera żewġ pompi. Huma akkwistaw mingħand Edgar Cassar, li ġie dikjarat fil-kuntratt li kien l-inkwilin.*
>
> *"Illi meta ssejjaħ fil-kawża Cassar eċċepixxa li l-kawża fil-konfront tiegħu ma kienetx tagħmel sens peress li huwa ma jistax jiġi kundannat jiżgumbra mill-proprjeta' li m'għadux jokkupa. Eċċepixxa wkoll li l-atturi kienu jafu illi l-fond kien ġie sullokat.*

*"Illi l-konvenut Pace proprio et nomine, eċċepixxa li l-atturi kellhom jagħtu prova li huma kollha l-proprjetarji tal-immobbli in kwistjoni; li l-atturi kien aċċettaw il-kera mingħand Cassar u allura aċċettaw is-sullokazzjoni; u li huma kellhom titolu validu skond il-liġi. Qalu wkoll li l-fatt li l-eredi ta' Crispino Mangion iddepożitaw iċ-ċwievet tal-proprjeta' ma jfissirx li ġiet rinunzjata l-lokazzjoni u li dan ma ppreġudikax id-drittijiet tagħhom.*

*"Illi qabel xejn il-Qorti jidhrilha li għandha teżamina l-eċċezzjoni tal-konvenut Pace fis-sens li mhux il-koproprjetarji kollha qed imexxu il-kawża, l-aktar fl-isfond tad-dikjarazzjoni tas-soċjeta' Schembri and Sons Ltd, li hija mniżżla mal-atturi fl-okkju tal-kawża li hija kienet qed tirtira l-interess tagħha fil-kawża. Ma hemmx dubju pero' li "kull wieħed mill-koproprjetarji jista' jitlob l-żgumbrament ta' min ikun qed jokkupa l-fond mingħajr titolu anke mingħajr il-kunsens jew l-intervent tal-proprjetarji l-oħra" – ara (**"Theuma Casteletti vs Sant Manduca"**, Prim' Awla, deċiża fid-29 ta' Jannar 1955).*

*"Illi għalhekk il-preżenza tas-sidien kollha mhijiex meħtieġa għal din il-kawża. Kwindi l-fatt li s-soċjeta' Schembri & Sons irtirtat mill-kawża mingħajr ma tat raġuni għaliex opponiet għat-talba huwa irrilevanti. Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) għamlet distinzjoni ċara bejn kawża fejn l-attur jitlob żgumbrament minħabba li l-konvenut ikun jokkupa l-proprjeta' mingħajr titolu, u kawza bbażata fuq inadempjament kontrattwali tal-kuntratt ta' lokazzjoni – huwa fil-każ tal-aħħar fejn is-sidien kollha jridu jkunu preżenti għaliex il-kuntratt huwa wieħed. (**"Ellul vs Modern Crown Stoppers Limited"**, 12 ta' Novembru 2003). Fil-kawża odjerna l-atturi mhumiex qed ifittxu lill-eredi ta' Crispino Mangion li miegħu kellhom relazzjoni ġuridika kuntrattwali iżda lill-persuni li qed jokkupaw l-ambjenti in kwistjoni. Fuq dan il-punt ukoll is-sentenza ċitata mill-atturi **"David Darmanin vs Maria Darmanin"** (Prim' Awla – 20 ta' Ottubru 2005) għamlet rassenja ta' sentenzi oħra applikabbli.*

*"Illi fir-rigward tal-prova tat-titolu tal-atturi d-dokumenti esebiti minnhom ma jħallu ebda dubju; ir-rapport tal-espert tekniku kompla kkonferma l-entita' tal-proprjeta tagħhom u kwindi għall-fini tal-kawża odjerna, kjarament dik rivendikatorja, ma hemm ebda dubju li ssodisfaw anke l-iktar kriterju rigoruż.*

*"Illi tibqa' allura l-kwistjoni jekk il-konvenuti għandhomx titolu validu biex jokkupaw l-ambjenti li dwarhom saret il-kawża. Jidher mid-dokumenti li s-sidien krew il-lukanda Savoy lil Crispino Mangion fl-1948 u kif irrelata l-espert tekniku, parti mit-territorju tal-lukanda illum huwa okkupat mill-pompa tal-petrol li essenzjalment hija s-suġġett tal-kawża odjerna. L-iskrittura ta' lokazzjoni kienet tipprojbixxi sullokazzjoni u alterazzjonijiet strutturali mingħajr il-kunsens tas-sidien.*

*"Illi f'xi żmien jidher li Mangion issulloka parti mit-territorju u ċjoe' l-istess ambjenti in kwistjoni, lil missier Edgar Cassar – skond id-dokument a fol 22 jidher li din is-sullokazjoni saret fl-1958. Kemm missier Cassar u l-istess Edgar Cassar pero' dejjem ħallsu l-kera lil Mangion jew uliedu meta dan kiber u miet. Dan mhux biss jidher mir-riċevuti esebiti a fol 23 et sequitur, iżda konfermat ukoll mid-depożizzjoni ta' bint Mangion, Josephine Micallef (fol 183 et seq.). Din qalet li huma baqgħu jirċievu l-kera mingħand Edgar Cassar, sakemm fi kliemha "inbidlu l-idejn". Qalet ukoll li ma tafx x'arranġament għamel Cassar ma' dawn it-terzi, pero' huma ma riedux ikollhom aktar x'jaqsmu u Cassar kien iħallas kera tal-garage u huma ma kienux jieħdu kera tal-pompa. Meta rat ġuvni ieħor fil-pompa ħasbet li kien impjegat ta' Cassar u l-garage ukoll għamel żmien magħluq. Ikkonfermat li huma iddepożitaw iċ-ċwievet il-Qorti.*

*"Illi huwa ċar għall-Qorti li l-konvenuti Ciantar qed jistrieħu fuq l-iskrittura ta' bejnhom u Cassar – il-konvenut Pace proprio et nomine ma ndikax liema titolu u liema dokument jew ftehim qed jivvanta biex jokkupa l-ambjenti. L-iskrittura bejn Cassar u Ciantar hija kif ġja' ssemma, tikkonsisti fiċ-ċessjoni da parti ta' Cassar lil Paul u Jeremy Ciantar tal-liċenzja u l-avvjament. Din saret fl-1992 u kjarament hija simili għal diversi skritturi li saru in segwitu għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, fis-sens li dawn it-tip ta' skritturi ma kienux jagħtu lok għall-iżgumbramenti skond il-Kap. 69, jekk l-inkwilin jibqa' responsabbli lejn is-sidien fost obbligazzjonijiet oħra, għall-ħlas tal-kera. Fil-fatt jidher li Cassar baqa' jħallas il-kera lil Mangion sal-1998. Għalhekk Pace mhux korrett jeċċepixxi li l-atturi baqgħu jaċċettaw il-kera mingħand Cassar u allura aċċettaw is-sullokazzjoni – ir-relazzjoni ġuridika tagħhom baqgħet ma' Mangion.*

*"Illi madankollu l-argumenti kollha tal-konvenuti, anke jekk jiġu aċċettati l-oħra, ma jerġux [recte: jreġux] għal żewġ raġunijiet prinċipali. L-ewwelnett il-ftehim bejn Cassar u Ciantar ma kienx jorbot żgur lill-atturi – għalihom kien res inter alios acta anke jekk kienu jafu bih (u dwar dan ma nġabet ebda prova). Għalhekk anke jekk Ciantar setgħu jivvanaw titolu fil-konfront ta' Mangion, dan ma jistgħux jagħmluh fil-konfront tal-atturi. It-tieni raġuni hija li kif ġja' ngħad, l-eredi ta' Crispino Mangion, irrinunzjaw għall-kirja oriġinali, u allura ladarba r-rapport ġuridiku lokatizju bejnhom u l-atturi ma baqax jeżisti, l-ebda rapport li ħareġ minnu ma seta' jibqa' jeżisti.*

*"Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Cecil Pace vs Nutar Vincenzo Maria Pellegrini"*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 1962 ġiet segwita l-massima, cessante jure dantis cessat jus aquirantis u intqal illi:*

> *"Jekk is-sub-inkwilin ma jkunx ġie rikonoxxut direttament mill-lokutur oriġinarju, it-titlu tiegħu ta' sub-inkwilin jispiċċa jekk is-sullokatur jabbanduna jew iċedi d-drittijiet tiegħu ta' lokazzjoni; b'mod li s-sub-inkwilin li kien jikri mingħandu ma jistax validament meta l-lokatur originali jitlob kontra tiegħu r-ripreża tal-fond jinvoka favur tiegħu nnifsu*

> *dawk ir-regolamenti u jippretendi li għandu favur tiegħu lokazzjoni valida li għandha tiġi rispettata mill-lokatur oriġinali, is-sid."*

*"Illi sentenza oħra fir-rigward hija dik fl-ismijiet* ***"Davison vs Azzopardi"*** *(Appell Kummerċjali, 2 ta' Marzu 1962) fejn intqal illi:*

> *"Id-dritt tas-sub-inkwilin għad-detenzjoni tal-fond li jiġi sullokat jiddependi mit-titolu tal-lokatur jew sullokatur bħala inkwilin prinċipali b'mod li jekk jiġi biex jispiċċa t-titolu tas-sullokatur, fil-konfront tas-sid, jispiċċa wkoll dak tas-sub-inkwilin."*

*"Illi l-istess insenjament wieħed isib fis-sentenzi fl-ismijiet* ***"Mamo vs Borg Costanzi nomine"*** *deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-1994 u* ***"Gollcher vs Royal Overseas St George's Club"*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru 2006.*

*"Illi fil-każ odjern allura, mill-mument li l-eredi ta' Crispino Mangion iddepożitaw iċ-ċwievet il-Qorti huma indubbjament kienu qed jirrinunzjaw għad-drittijiet lokatizji tagħhom u allura ntemmu wkoll id-drittijiet li seta' kellhom il-konvenuti u l-imsejjaħ fil-kawża. Ma hemm ebda mod ieħor kif wieħed jista' jinterpreta d-depożitu msemmi jekk mhux b'rinunzja ta' l-aktar dritt important tal-kerrej, ossija dak tal-pussess u godiment tal-oġġett mikri. Dan apparti l-fatt li l-konvenut Pace proprio et nomine, b'ebda mod ma wera lill-Qorti minn fejn ġab t-titolu li qed jivvanta. Biss, ġabu minn fejn ġabu bilfors ma jistax jopponih lill-atturi.*

*"Illi finalment il-konvenuti eċċepew li l-atturi kienu jafu bis-sullokazzjoni. Anke jekk dan kien minnu ma jiswa xejn għalihom għaliex kif ġia ingħad, kull dritt li seta' kellhom intemm kif il-kerrejja oriġinali irrinunzjaw għall-kirja – biss għal kull buon fini jingħad ukoll li l-konvenuti ma ġabu ebda prova ta' dan u kif hu magħruf sew – onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat – min jallega jrid jipprova – kif jispeċifika anke l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qed jingħad minħabba n-natura tat-tieni u r-raba' talba attriċi.*

*"Illi minħabba f'hekk il-Qorti tħoss li anke dawn it-talbiet l-oħra tal-atturi konnessi mal-okkupazzjoni tal-ambjenti in kwistjoni għandhom jiġu akkolti. Fil-fehma tagħha, il-konvenuti u l-kjamat fil-kawża għamlu negozju minn proprjeta' tal-atturi mingħajr ma taw każ ta' jekk kienx hemm kunsens tagħhom*";.

4. B'Rikors tal-Appell imressaq minnhom fid-19 ta' Novembru, 2012, l-intimati Louis Pace u Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti"), għar-raġunijiet u fuq is-saħħa tal-aggravji hemm minnhom imsemmija, talbu li din il-Qorti jogħġobha

tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi kollha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

5. Rat it-Tweġiba mressqa fid-9 ta' Jannar, 2013, mill-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") li biha laqgħu għall-appell billi, fl-ewwel lok, irrilevaw li l-appell kien tressaq minn tnejn mill-intimati biss u għalhekk, fil-konfront tal-intimati l-oħrajn li ma appellawx, is-sentenza appellata saret ġudikat. Fil-mertu, laqgħu billi, wara li fissru x'kien l-għan tal-azzjoni tagħhom, qalu li l-ewwel Qorti għamlet stħarriġ xieraq tal-fatti u raġunament tajjeb fil-liġi u b'hekk is-sentenza appellata jistħoqqilha tkun konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

6. La l-intimati Ciantar u lanqas l-imsejjaħ fil-kawża Cassar ma appellaw mis-sentenza u, minkejja li laqgħu n-notifika tal-atti tar-Rikors tal-Appell, lanqas ressqu t-Tweġiba tagħhom u lanqas dehru meta saret it-trattazzjoni tal-appell;

7. Wara li b'digriet tad-9 ta' Settembru, 2016, l-appell tqiegħed għas-smigħ għat-28 ta' Novembru, 2016, l-appellanti ressqu rikors fit-23 ta' Novembru, 2016[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija (l-imwiet ta' wħud mill-atturi fil-mori tad-differiment qabel ma ngħatat is-sentenza appellata bla ma saret il-leġittimazzjoni tal-atti), talbu t-tħassir tas-

[1] Paġġ. 288 sa 291 tal-proċess

sentenza appellata. B'digriet mogħti mill-Qorti fil-miftuħ waqt is-smigħ tas-6 ta' Novembru, 2017[2], il-Qorti irriżervat li tipprovdi dwar it-talba meta tagħti s-sentenza finali;

8. Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Imħallef Noel Cuschieri fit-28 ta' Novembru, 2016[3];

9. Rat id-digriet ta' surroga tas-6 ta' Diċembru, 2016;

10. Rat id-digrieti u n-Noti relattivi li bihom l-atti tal-kawża kienu leġittimati;

11. Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Prim'Imħallef Joseph Azzopardi waqt is-smigħ tat-2 ta' Lulju, 2018[4];

12. Rat id-digriet tas-surroga tas-6 ta' Lulju, 2018, li bih il-Qorti ġiet kostitwita kif issa komposta;

13. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-2 ta' Mejju, 2019;

---

[2] Paġ. 365 tal-proċess
[3] Paġ. 298 tal-proċess
[4] Paġ. 371 tal-proċess

14. Rat l-atti kollha tal-kawża;

15. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

16. Illi din hija azzjoni għat-tneħħija ta' okkupanti minn fond immobbli minħabba nuqqas ta' titolu. L-atturi appellati, bħala sidien tal-binja bl-isem ta' "*Savoy Hotel*", f'Rue D'Argens, Sliema, talbu li l-ewwel Qorti tordna lill-intimati jitneħħew minn ambjenti mill-imsemmija binja ("*service station*" u benefikati stabili li jagħmlu minnu) u dan għaliex kienu qegħdin iżommuha bla ebda jedd jew titolu minħabba li l-kirja li kien hemm fuq dawk l-istess ambjenti (li kienet ingħatat dwar il-binja kollha mill-awtur fit-titolu tal-appellati f'Jannar tal-1948 lil wieħed Crispino Mangion) kienet ġiet fi tmiemha meta l-kerrejja kienu ddepożitaw iċ-ċwievet taħt l-awtorità tal-Qorti f'Lulju tal-2007;

17. Illi l-appellati argumentaw li, ladarba waħda mill-kondizzjonijiet tal-kirja kienet li l-inkwilin ma kellux il-jedd li jissulloka jekk mhux bil-kunsens ta' sid il-post, u kundizzjoni oħra kienet tgħid li ma jistax isir bdil strutturali bla ma s-sid jaqbel, l-effetti tal-kirja kienu ntemmu għal kollox meta l-kerreja iddepożitaw iċ-ċwievet tal-post b'Ċedola ta' Depożitu u

ladarba s-sidien qatt ma għarfu lil dawk li lilhom il-post mikri (jew partijiet minnu) kien twella jew kien sullokat;

18. Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-aspetti marbuta mal-appell u mal-aggravji mqajma mill-appellanti, jeħtieġ li tinvesti l-kwistjoni tas-**siwi tas-sentenza appellata** li l-appellanti qajmu bir-rikors tagħhom tat-23 ta' Novembru, 2016, u li din il-Qorti (diversament komposta) ordnat li kellha tipprovdi dwaru fis-sentenza finali. Id-deċiżjoni ta' dan il-punt jixraq li ssir qabel ma tqis l-appell għaliex, jekk kemm-il darba t-talba tal-appellanti kellha tintlaqa', ma jkunx aktar meħtieġ li tqis ukoll l-aggravji tal-appell;

19. Illi bl-imsemmi rikors, l-appellanti talbu li din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata hija mingħajr effett għaliex, sa minn żmien qabel ma l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza, uħud mill-atturi kienu mietu u ma kinitx intalbet il-leġitimazzjoni tal-atti tal-kawża wara mwiethom. Fl-istess rikors, huma talbu wkoll li r-Risposta tal-Appell titqies ma tiswiex għaliex tressqet f'isem persuni li kienu ilhom li mietu. Huma jgħidu li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 810B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsalvawx is-sitwazzjoni li nħalqet minħabba dan il-fatt u lanqas isalvaw is-siwi tas-sentenza li ngħatat;

20. Illi l-appellati wieġbu għal dak ir-rikors u, għar-raġunijiet u sottomissjonijiet hemm magħmula, qalu li s-sentenza appellata tiswa u ma hemm l-ebda raġuni biex titqies mingħajr effett;

21. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-appellanti qanqlu l-kwistjoni tan-nuqqas ta' siwi tas-sentenza bl-imsemmi rikors ftit aktar minn erba' snin wara li kienu ressqu r-Rikors tal-Appell u li fih ma kienu semmew xejn f'dan ir-rigward. Għalhekk, ma jistax jitqies li l-istess rikors jista' jservi bħala eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza għall-finijiet tal-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex il-liġi tgħid kif imissha titqajjem eċċezzjoni u kif għandha titressaq. Madankollu, ladarba s-siwi ta' sentenza huwa kwistjoni ta' ordni pubbliku, il-Qorti sejra tqis it-talbiet li saru mill-appellanti fir-rikors tagħhom biex tiddirimi l-kwistjoni mqajma;

22. Illi mill-atti joħroġ li huwa minnu li, sa minn żmien qabel ma l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza mill-ewwel Qorti, uħud mill-atturi kienu mietu u ma ntalbitx il-leġittimazzjoni tal-atti u lanqas saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju b'konsegwenza ta' hekk, u l-kawża baqgħet miexja sa ma ngħatat is-sentenza appellata. Ħabat li f'dawk il-jiem li ngħatat is-sentenza, daħal fis-seħħ l-Att XVII tal-2012 li, fost bidliet li daħħal fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, ħaseb biex jipprovdi għas-sitwazzjoni fejn tmut parti f'kawża qabel l-għoti tas-sentenza bla ma tkun saret il-leġittimazzjoni tal-atti sa dakinhar li s-

sentenza tkun ingħatat. L-Artikolu 810B tal-imsemmi Kodiċi kien maħsub sewwasew biex isalva s-siwi ta' sentenzi mogħtijin f'ċirkostanza bħal dik u kif ukoll f'xi appell li jsir minnhom wara. Għalkemm l-appellanti jgħidu li dawk il-bidliet ma jgħinux il-każ tal-lum, din il-Qorti ma taħsibhiex bħalhom għaliex sewwasew fl-ewwel *proviso* tal-imsemmi artikolu r-rimedju mogħti lil xi parti f'kawża jtul għal żmien wara l-għoti ta' sentenza u b'mod partikolari fejn ikun sar appell minnha, bħal ma ġara tabilħaqq fil-każ tal-lum[5];

23. Illi, b'riħet dak l-artikolu, is-saħħa tas-sentenza li tkun ingħatat f'ċirkostanzi bħal dawk tkun eżegwibbli kontra l-"eredi tal-mejjet". Is-sentenza li l-appellanti jinqdew biha biex juru li f'każ bħal dan is-sentenza tibqa' nulla xorta waħda[6] ma tgħoddx għall-każ tal-lum, għaliex f'dik il-kawża, għall-kuntrarju ta' din, kien seħħ bdil tal-parti qabel is-sentenza minflok il-parti li kien hemm qabel u b'mod li ngħatat sentenza kontra parti li ma kinitx għadha aktar fil-kawża. F'din il-kawża ma ġarax hekk, u lanqas jista' jingħad li l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata trid issir kontra l-"eredi tal-mejjet", għaliex ħadd mill-intimati u lanqas l-imsejjaħ fil-kawża ma ġie nieqes, u la qabel u lanqas wara l-għoti tas-sentenza appellata. Minbarra dan, fil-mori ta' dan l-appell, saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju fir-rigward tal-atturi li kienu mietu u

---

[5] Ara, b'eżempju, App. Inf AE **22.9.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Alex Vella et vs Carmela Aġius et*** u App. Ċiv. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Kumissarju tal-Artijiet vs A.I.Ċ. William Micallef et***

[6] App. Ċiv. **30.5.2014** fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Daniel Reginiano et***

saħansitra saret l-assunzjoni tal-atti minn persuni oħrajn li, fil-mori tal-appell, kisbu xi ishma mill-ġid mertu tal-każ mingħand l-appellati jew l-aventi kawża tagħhom. B'hekk, twettaq dak li jiopprovdi f'kull dettal l-Artikolu 810B u s-siwi tas-sentenza appellata baqa' bla mittiefes;

24. Illi l-Qorti tista' tgħid l-istess ħaġa għat-talba tal-appellanti biex titneħħa mill-atti tal-appell ir-Risposta tal-Appell imressqa mill-atturi appellati. Hawnhekk jiżdied jingħad li, ladarba tqajmet l-irregolarità ta' att ġudizzjarju (għalkemm ukoll bla ma l-appellanti ħarsu xi tgħid il-liġi dwar kif tista' titqajjem eċċezzjoni bħal din f'dan l-istadju), jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għall-Artikolu 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li n-nuqqas ta' siwi ta' att ġudizzjarju ma jintlaqatx jekk kemm-il darba l-att jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi. Hekk sar f'dan il-każ u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tilqa' t-talba tal-appellanti biex tordna t-tneħħija tar-Risposta tal-Appell tal-atturi appellati mill-atti tal-kawża;

25. Illi għalhekk, it-talbiet magħmula mill-appellanti fir-rikors tagħhom tat-23 ta' Novembru, 2016, mhux qed jintlaqgħu;

26. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**aggravji tal-appellanti** fil-mertu. L-appellanti jqajmu żewġ aggravji mis-sentenza appellata. Bl-ewwel aggravju huma jgħidu li l-appellati naqsu li jippruvaw kif imiss it-titolu

tagħhom għall-fond li minnu jridu jiżgumbrawhom; bit-tieni aggravju, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta qieset li ma kienx meħtieġ il-litiskonsorzju tas-sidien kollha biex il-kawża setgħet titmexxa 'l quddiem;

27. Illi bl-**ewwel aggravju** l-appellanti jgħidu li kienu huma stess li eċċepew, fost l-oħrajn, li l-appellati kellhom juru li huma tabilħaqq sidien tal-ġid li minnu riedu jneħħuhom. Huma jgħidu li l-appellati naqsu milli jagħmlu dan għaliex illimitaw irwieħhom li jressqu għadd ta' dokumenti mhux awtentikati u lanqas konfermati taħt ġurament, b'mod li naqsu li jħarsu dak li titlob il-liġi dwar x'inhi l-prova rilevanti[7], u li tinġab l-aħjar prova[8] u li kien jaqa' fuq l-istess atturi li jipprovaw dak li jallegaw[9]. Bil-fatt li l-appellati ressqu bosta kopji ta' dokumenti li ma kinux awtentikati kif trid il-liġi[10], ġara li huma naqsu li jippruvaw il-każ tagħhom bil-konsegwenza li t-talbiet tagħhom ma setgħu jintlaqgħu qatt;

28. Illi għal dan l-aggravju l-appellati jwieġbu billi jiċħdu li huma ressqu biss provi dokumentali jew li naqsu li jikkonfermaw l-awtentiċità tagħhom b'ġurament. Iżidu jgħidu li xhieda oħra li ressqu fissret sa mill-bidu tagħha l-ġrajja tal-kirja tal-post u ċ-ċirkostanzi kollha marbutin magħha, magħduda s-sehem tagħhom bħala sidien tal-fond tul dan iż-

[7] Art. 558 tal-Kap 12
[8] Art. 559 tal-Kap 12
[9] Art. 562 tal-Kap 12
[10] Artt. 627 u 629(ċ) tal-Kap 12

żmien kollu. Jgħidu li sa ma ngħatat is-sentenza appellata, l-appellanti ma kienu qajmu l-ebda riżerva dwar l-awtentiċità tal-provi mressqa;

29. Illi ma hemm l-ebda dubju li l-liġi titfa' fuq il-parti f'kawża li tallega l-piż li tipprova dik l-allegazzjoni u li tagħmel dan sal-grad mistenni mil-liġi. Fil-każ li għandna quddiemna, l-kwistjoni tal-prova tat-titolu fl-atturi appellati tqajmet mill-appellanti sa mill-bidu tal-intervent tagħhom f'din il-kawża. L-appellati ressqu xhieda bil-ġurament[11] u kif ukoll provi dokumentali fis-sura ta' kopji fotostatiċi ta' kitbiet, kuntratti u dikjarazzjonijiet *causa mortis*. L-appellanti ma ikkontestaw l-ebda waħda mill-imsemmija provi u lanqas ressqu sottomissjonijiet tal-ebda sura dwarhom, minbarra li ma ressqu l-ebda prova min-naħa tagħhom fil-kawża. Minbarra dan, uħud mill-provi dokumentali mressqa mal-atti tar-Rikors Maħluf huma awtentikati mill-avukat tal-appellati u, sakemm il-parti l-oħra ma titlobx li jitressqu kopji awtentikati mod ieħor, dik l-awtentika sservi biex tagħti lil dawk id-dokumenti s-saħħa xorta waħda ta' prova daqs li kieku tressaq l-oriġinali[12], u hija prattika li ilha żmien twil aċċettata mill-Qrati tagħna f'dak li jirrigwarda t-tressiq ta' provi dokumentali f'kawża;

[11] Bl-mezz ta' affidavit tal-attur John A. Cuschieri, f'paġġ. 79 sa 82 tal-proċess u dik *viva voce* ta' Josephine Micallef (waħda minn ulied il-kerrejoriġinali Krispin Manġion) f'paġġ. 183 sa 191 tal-proċess

[12] Art. 636(3) tal-Kap 12

30. Illi din il-Qorti tqis ukoll in-natura tal-azzjoni mibdija mill-appellati li ma kinitx waħda ta' rivendika, fejn il-kwistjoni tas-siwi tat-titolu tiġbed fuqha l-piż ta' grad ogħla ta' prova. L-ewwel Qorti qieset li l-provi li ġabu quddiemha l-appellati "ma jħallu ebda dubju" li huma seħħilhom juru b'mod tajjeb biżżejjed li huma tabilħaqq sidien tal-fond li minnu jridu jneħħu lill-appellanti. Dik id-dikjarazzjoni tirrappreżenta l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti kellha kull jedd li tagħmel u li din il-Qorti ma tindaħlilhiex fih sakemm ma jkunx jidher manifestament li dak l-eżerċizzju jissejjes fuq xi fatt li ma jeżistix jew fuq konsiderazzjonijiet mhux raġonevoli;

31. Illi, b'żieda ma' dan, ma huwiex minnu li l-atturi straħu biss fuq il-provi dokumentali biex juru li għandhom titolu għall-ġid mertu tal-każ. Għalhekk, jekk kieku kellu jingħad li l-ebda qorti ma setgħet toqgħod fuq dawk id-dokumenti bħala provi ammissibbli, hemm xhieda mressqa mill-atturi nfushom – u li ma ġiet bl-ebda mod kontestata mill-imħarrkin jew mill-imsejjaħ fil-kawża – li juru min hu sid dawk l-ambjenti. Jirriżulta wkoll li l-appellanti nfushom impliċitament aċċettaw is-siwi tal-provi dokumentali mressqa mill-appellati, u dan meta biċċa minn dawk l-istess provi ntużaw mill-perit tekniku maħtur mill-ewwel Qorti biex jiddetermina l-entità u l-konfini tal-ġid mertu tal-każ. L-appellanti lanqas ma ikkontestaw bl-ebda mod ir-rapport peritali;

32. Illi għal dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-aggravju ma jixraqlux jintlaqa' u li l-ewwel Qorti ma naqset bl-ebda mod meta sabet li l-appellati seħħilhom juru li kienu s-sidien tal-istabili mertu tal-każ;

33. Illi t-**tieni aggravju** tal-appellanti jinbena fuq il-kwistjoni dwar jekk din il-kawża kinitx titlob il-parteċipazzjoni tas-sidien kollha biex tista' titmexxa 'l quddiem. Dan l-aggravju jinbena fuq episodju proċedurali li seħħ wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza mill-ewwel Qorti. L-appellanti jgħidu li, ladarba sa ma ġiet biex tingħata s-sentenza, mhux kull wieħed mill-atturi baqa' jżomm il-pożizzjoni ta' attur dwar it-talbiet imressqa fl-att promotur, għalhekk il-ġudizzju ma baqax integru u l-"kawża kif proposta hija monka". Huma jgħidu li s-sentenza appellata tiddifetta għaliex ma huwiex minnu li fl-għamla ta' azzjoni mibdija mill-appellati ma kienx meħtieġ li jkun fil-kawża kull min hu sid il-fond mertu tal-istess kawża;

34. Illi l-appellanti jżidu jgħidu li l-fatt li isem waħda mill-partijiet attriċi fil-kawża baqa' jidher fl-"okkju" tal-kawża minkejja li din kienet iddikjarat li qiegħda tirtira l-interess tagħha mill-kawża u saħansitra topponi t-talbiet attriċi, iġib in-nullità tas-sentenza;

35. Illi ċ-ċirkostanza li jsemmu l-appellanti jirreferu għan-nota mressqa mis-soċjetà attriċi Schembri & Sons Limited fit-13 ta' Marzu,

2012[13], li tgħid li hija kienet qiegħda tirtira l-interess tagħha fil-kawża u tiddikjara wkoll illi topponi għat-talbiet attriċi u li bl-ebda mod mhi qed tappoġġa iżjed il-kawża proposta mill-atturi l-oħrajn. Dik in-Nota tressqet fl-atti tal-kawża meta l-kawża kienet diġà tħalliet għas-sentenza. Kemm hu hekk, dakinhar ukoll, l-appellanti ressqu rikors quddiem l-ewwel Qorti biex jitolbuha tieqaf milli tagħti s-sentenza ħalli l-atturi jagħrfu jirregolaw irwieħhom. Minħabba f'dak ir-rikors, dik il-Qorti laqgħet it-talba. Wara li l-appellati ressqu rikors in-naħa tagħhom biex jgħidu għaliex minkejja r-rinunzja tal-imsemmija kumpannija, l-atti tal-kawża kienu integri xorta waħda u s-sentenza setgħet tingħata, l-ewwel Qorti laqgħet dik it-talba u reġgħet ħalliet il-kawża għas-sentenza u għaddiet biex tat is-sentenza fis-smigħ ta' wara;

36. Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li tqis l-effetti u l-implikazzjonijiet tan-nota mressqa mill-imsemmija kumpannija. Dik il-kumpannija kienet fost il-bosta atturi li fetħu l-kawża u għal tul iż-żmien kollu li l-kawża baqgħet miexja, ma għamlet xejn biex twarrab dik il-kwalità ta' parti attriċi. Dan ukoll minħabba l-fatt li l-provi dokumentali mressqa kienu juru li dik il-kumpannija kellha sehem mill-ġid mertu tal-każ. Hija l-fehma tal-Qorti li parti attriċi f'kawża li ma tkunx trid aktar li tibqa' fiha tista' tagħmel dan biss permezz tar-rinunzja tagħha għall-atti[14] li fil-każijiet normali tieħu s-

[13] Paġ. 230 tal-proċess (fil-fatt tressqet Nota oħra bl-istess għan fit-22 ta' Marzu, 2012)
[14] Art. 906(1) tal-Kap 12

sura ta' Nota ta' ċessjoni, b'dak kollu li att bħal dan iġib miegħu[15]. B'rinunzja bħal dik, il-parti ma ġġibx fix-xejn l-integrità tal-ġudizzju li kien kostitwit sakemm hija tkun għażlet li tirrinunzja għall-atti. Il-Qorti tqis ukoll li hemm anomalija fin-Nota mressqa mill-imsemmija kumpannija (għal darba darbtejn) u dan għaliex tressqet fir-Reġistru tal-Qorti (u mhux waqt is-smigħ tal-kawża) bla ma kienet iffirmata minn rappreżentant tagħha u ġġib biss firma ta' avukat li ma kienx l-avukat li kienet qed tidher għall-atturi l-oħrajn. Hemm għalhekk kwistjoni dwar kemm jiswa dak l-att ġudizzjarju u jekk tabilħaqq ġabx in-nuqqas integrattiv fl-atti tal-kawża li jitkellmu dwaru l-appellanti;

37. Illi, f'kull każ u għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti ma ssibx li s-sentenza appellata hija milquta minn xi nullità minħabba li waħda mill-partijiet attriċi li irrinunzjat għall-atti baqgħet tidher fl-"okkju" tal-kawża;

38. Illi dwar dik il-parti tal-aggravju tal-appellanti fejn jgħidu li s-sidien kollha kellhom ikunu parti fil-kawża, l-appellati jwieġbu billi jgħidu li fl-għamla ta' kawża mibdija minnhom, il-preżenza tas-sidien kollha hija fakultattiva u mhux obbligatorja;

39. Illi ġie għadd ta' drabi mfisser li l-litiskonsorzju – jiġifieri l-ħtieġa li <u>kull</u> min għandu interess fi kwistjoni jkun jagħmel parti minn kawża dwar

[15] Art. 907(2) tal-Kap 12

dik l-istess kwistjoni – ikun meħtieġ fejn l-azzjoni "tkun tendenti għall-mutament ta' rapport jew stat ġuridiku wieħed"[16]. F'każ bħal dak, il-litiskonsorzju huwa meħtieġ u n-nuqqas tal-parteċipazzjoni fil-kawża ta' wħud mill-interessati, kemm bħala atturi inkella bħala mħarrkin, jista' jiġi sostitwit bil-prova ċerta tal-adeżjoni ta' dawk l-interessati għat-talba magħmula minn xi wħud minnhom, u mhux anqas minn hekk[17]. Min-naħa l-oħra, fejn l-azzjoni tkun maħsuba biss tinforza jedd li ma jitnisslix minn rapport ġuridiku komuni, kull wieħed li huwa interessat biex jinforza tali jedd jista' jmexxi bla ma jistenna li kull persuna oħra interessata tixxierek miegħu[18], u saħansitra wkoll jekk tkun topponi għall-imsemmija azzjoni[19];

40. Illi l-premessa ewlenija tal-azzjoni mibdija mill-appellati kienet li l-intimati appellanti kienu qegħdin iżommu l-ambjenti mertu tal-każ mingħajr titolu. Dan jgħiduh minħabba li l-kerrejja tal-istess ambjenti kienu ddepożitaw iċ-ċwievet taħt l-awtorità tal-Qorti u b'hekk temmew kull rabta li kien jagħti l-ftehim ta' lokazzjoni. Ladarba l-appellanti ma kienu magħrufa qatt mis-sidien, l-appellati jqisu li ż-żamma tal-pussess min-naħa tal-appellanti hija waħda mingħajr titolu, ukoll għaliex jekk l-appellanti seta' kellhom xi jedd dan kien dipendenti fuq it-titolu li kellhom

---

[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiappara vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XLV.i.13**)
[17] Ara, App. Ċiv. **3.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Azzopardi noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.233)**
[18] App. Kumm. **6.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Laferla et vs Cauchi Savona et noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.791**)
[19] App. Inf. PS **12.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Adelaide Ellul et vs Modern Crown Stoppers Ltd.***

l-inkwilini, liema titolu ntemm malli ddepożitaw iċ-ċwievet tal-post. Għalhekk, mill-mod kif hija impostata l-azzjoni tal-appellati, ma hemm l-ebda bdil ta' xi rapport ġuridiku bejnhom u l-appellanti, u għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li l-azzjoni trid titressaq mis-sidien kollha[20];

41. Illi l-ewwel Qorti sabet li, meqjusa n-natura tal-azzjoni mnedija mill-appellati, ma kienx meħtieġ li fil-kawża jieħdu sehem is-sidien kollha tal-ġid mertu tal-każ. Sabet ukoll li kien minnu li l-appellanti ma kien għad fadlilhom l-ebda titolu fuq dak il-ġid x'jopponu kontra l-appellati, ladarba l-inkwilini kienu irrinunzjaw għall-kirja meta ddepożitaw iċ-ċwievet tal-post taħt l-awtorità tal-Qorti;

42. Illi l-Qorti jidhrilha li l-aggravju tal-appellanti mhuwiex tajjeb. Fl-ewwel lok, taqbel mal-ewwel Qorti li ma kienx meħtieġ il-litiskonsorzju tas-sidien kollha biex setgħet titressaq u titmexxa 'l quddiem il-kawża mibdija mill-appellati. Fit-tieni lok, taqbel ukoll mal-ewwel Qorti fejn sabet li mat-temm tal-kirja, intemmu wkoll ir-rabtiet ġuridiċi kollha mnisslin minn dik il-kirja[21]. Fit-tielet lok, l-appellanti ma wrew bl-ebda mod kif iż- żamma minnhom tal-fond mertu tal-każ qed issir bis-saħħa ta' xi titolu li huma jistgħu jivvantaw kontra l-appellati jew li l-appellati qatt għarfu jew aċċettaw l-eżistenza tiegħu. Fir-raba' lok, billi l-

---

[20] P.A. **29.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Theuma Castelletti vs Sant Manduca*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.540**) u P.A. **21.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***David Darmanin vs Maria Darmanin*** (mhix appellata)
[21] Kumm. **11.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo et vs Borġ Costanzi noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.iv.142**)

appellanti ma ressqu l-ebda prova ta' x'għamla ta' titolu jippretendu li għandhom fuq il-fond mertu tal-każ (ħlief li, fil-ħames eċċezzjoni tagħhom jgħidu li jiddetjenu l-proprjetà mertu ta' din il-kawża b'titolu validu skont il-liġi), l-ewwel Qorti ma kellhiex għażla oħra ħlief li ssib li tassew li l-appellanti qegħdin iżommu l-imsemmija ambjenti bla ebda titolu;

43. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li lanqas it-tieni aggravju ma huwa mistħoqq u mhix sejra tilqgħu.

***Decide***

44. Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** it-talbiet magħmulin mill-appellanti fir-rikors tagħhom tat-23 ta' Novembru, 2016, dwar is-siwi tas-sentenza appellata u tar-Risposta tal-Appell tal-atturi appellati, billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-appell** imressaq minn Louis Pace u minn Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited u tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 2012, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** kontra l-istess appellanti, b'dan li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti;

Għall-finijiet tat-**tielet talba** attriċi, iż-żmien ta' xahar mogħti mill-ewwel Qorti għall-iżgumbrament tal-appellanti mill-ambjenti mertu tal-każ jibda għaddej millum.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb